MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 2291/2003

**Arthur Aquilina**

**vs**

**Liliana Fabri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Novembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundnnata tirrifondi lill-attur is-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350.00) liema ammont gie minnu mhallas lill-konvenuta bhala depozitu ghax-xoghol u servizzi ta' *interior design* illi kellhom jigu prestati mill-konvenuta lill-istess attur fir-rigward tal-apaprtament 37/2, Triq Stella Mares, Tas-Sliema, propjeta' tal--attur, liema servizzi effettivament qatt ma gew prestati u liema xoghol effettivament qatt ma gie esegwit mill-konvenuta.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-

1. Illi l-eccipjenti tecepixxi li hija rrendiet u esegwit ix-xoghol konsistenti f'konsulenza dwar 'interior design' hekk kif pattwit ma' l-attur u ghalhekk m'ghandhiex x'tirrifondi u x'tirrestitwixxi lill-attur u dan hekk kif se jkollha l-opportunita' li tipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.
2. Illi l-eccipjenti tecepixxi illi kien l-istess attur li talab aktar servizzi minghandha wara li l-kontendenti kienu gja' ftehmu u hija fil-fatt accettat li trendilu dawn is-servizzi zejda basta fl-ahhar jaghti lill-eccipjenti aktar zmien haga li kien qabel maghha l-istess attur.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Neville Sciberras, ta' David Galea u tal-konvenuta. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-rattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-attur xtara appartament f'Stella Mares Street, Tas-Sliema u nkariga lill-konvenuta sabiex taghtih servizzi ta' *interior design* dwar il-mod kif kellu jirranga u jarreda dan l-appartament. Il-konvenuta kienet hejjiet stima ammontanti ghal Lm1,300.00 ( kopja esebita a fol. 55) fejn hija indikat ix-xoghlijiet li kienet ser taghmel, il-prezz u z-zmien ghall-konsenja. L-attur deherlu li dan l-ammont kien pjuttost eccessiv u l-konvenuta harget stima ohra (esebita a fol. 57) fejn hija kwotat il-prezz ta' Lm700.00. F'din it-tieni stima tnaqssu xi xoghlijiet li kienu nkluzi fl-ewwel stima u dan bi ftehim bejn il-partjiet. L-attur accetta din it-tieni stima u hallas depozitu ta' Lm350.00.

Mill-provi rrizulta li wara xi ftit ta' zmien il-konvenuta kienet ikkonsenjat xi *drawings* lill-attur izda dawn ma ghogbuhx ghaiex huwa irritjena lli ma kienux skond l-istil li huwa kien indika lill-konvenuta. Minn dan il-mument il-quddiem jidher

li nqala’ disgwid bejn il-partjiet fis-sens illi l-attur kien qed jesigi li l-konvenuta tikkonsenjalu disinji skond l-esigenzi tieghu u fiz-zmien patwit. L-attur isostni li l-konvenuta naqset milli taghmel dan u ghalhekk huwa kien talabha thallsu lura id-*deposit*. Il-konvenuta min-naha l-ohra ssostni li hija kienet effetwat ix-xoghol indikat fi stage 1 tal-istima u kien l-attur li waqqafha milli tkompli x-xoghlijiet. Hija ghalhekk issostni li m’ghandhiex tirrifondi d-depozitu mhallas mill-attur.

IT-Tribunal ezamina bir-reqqa l-provi mressqa mill-partijiet u jidhirlu li effettivament il-konvenuta naqset milli tesegwixxi numru konsiderevoli tax-xoghlijiet indikati fl-istima accettata mill-attur. Dan jirrizulta ampjament mix-xhieda taghha in kontro-ezami kif ukoll mill-file relattiv ghall-attur li hija esebit (a fol. 59) u mix-xhieda ta’ David Galea. Huwa minnu li hija hejjiet xi disinji skond kif jirrizulta mill-file esebit a fol. 59 izda jidher li dawn ma kienux skond l-esigenzi u r-rikjesti tal-klijent, u cioe’ l-attur. Mix-xhieda tal-attur, u anki mix-xhieda tal-istess konvenuta jirrizulta li hija naqset milli tikkonsenja disinji godda skond ir-rikjesti u l-esigenzi tal-attur la fiz-zmien miftiehem bejn il-partijiet u l-anqas sussegwentement. Jidher li l-attur kien indika lill-konvenuta l-istil li huwa xtaq li jigi addottat u dan anki billi kkonsenjalha xi katalogi li kienu jaghtu ndikazzjoni ta’ dak li kellu f’mohhu. Kien il-kompitu tal-konvenuta li tesegwixxi b’mod professjonali ir-rikjesti tal-klijent billi tipprovdi lill-attur b’disinji u proposti professjoinali skond dak minnu rikjest. Mill-provi prodotti mill-attur irrizulta soddiisfacentement pruvat li hija naqset milli taghmel dak mifitehem u naqsset ukoll milli tipprovdi disinji alternattivi skond l-esigenzi tal-klijent.

It-Tribunal ghalhekk jdihirlu li l-konvenuta ghandha tirrifondi lura d-depozitu mhallas mill-attur salv ghall-ammont ta Lm80.00 li t-Triibunal qed jillikwida arbitrio boni viri bhala l-kumpens dovut lill-konvenuta ghax-xoghol marginali lli hija lahqet ghamlet u li jirrizulta mill-*file* esebit a fol. 59.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici limtatament fl-ammont ta’ mitejn u sebghin

lira Maltin (Lm270.00) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur dan l-ammont ta’ mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270.00), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------